**Kunsill Lokali Ħal Balzan**

# Rapport Amministrattiv

# 2023

*Imħejji minn Doriette Farrugia, Segretarju Eżekuttiv*

# Werrej

| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | **1** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **4** |
| **L-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq** | **9** |
| **Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera** | **12** |

## INTRODUZZJONI

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan matul is-sena.

Matul is-sena 2023, tkompliet il-ħidma tal-Kunsil tad-disa' leġislatura, li l-bidu tagħha kien fl-1 ta' Lulju 2019.

## 2.1 Il-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan, huwa magħmul minn ħames Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| Dr Angelo Micallef | Sindku |
| Mary Louise Briffa | Viċi Sindku |
| Stephen Gatt | Kunsillier |
| Andrè Grech | Kunsillier |
| Dr Oliver Nicholas De Gaetano | Kunsillier |

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Matul is-sena 2023 inżammu ħmistax (17) – il laqgħa tal-Kunsill u żewġ (2) laqgħat tal-lokalità, u l-attendenza kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 56 - 72 u Laqgħat tal-Lokalità Nru. 6 - 7** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Dr Angelo Micallef | 19 | - | - | 100 |
| 2 | Mary Louise Briffa | 16 | 3 | - | 84 |
| 3 | Stephen Gatt | 19 | - | - | 100 |
| 4 | Andrè Grech | 15 | 3 | 1 | 79 |
| 5 | Dr Oliver Nicholas De Gaetano | 14 | 4 | 1 | 74 |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' impjegati oħra. Fil-preżent, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Doriette Farrugia | Segretarju Eżekuttiv |
| Mariella Casha | Assistent Prinċipal |
| Sonia Ellul | Skrivana |
| Caroline Galea | Skrivana |

Matul is-sena, il-Kunsill kellu wkoll dawn il-ħaddiema ssekondati:

| | |
|---|---|
| Martin Fenech | RSSL |
| Anthony Dimech | Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF) |

li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità.

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll l-għajnuna ta' dawn l-esperti:

| | |
|---|---|
| L-Avukat Chris Vella | Servizz Legali lill-Kunsill |
| Il-Perit Anthony Bezzina | Servizz ta' Perit |
| Is-Sur Mark Debono | Servizz ta' *Accountant* |

biex jgħinu lill-Amministrazzjoni fix-xogħol tagħha u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Ir-responsabbiltajiet li ġew assenjati lill-Kunsilliera huma kif ġej :

**Is-Sindku Dr Angelo Micallef**
L-Infrastruttura, Proġetti u l-Kultura

**Il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa**
Iż-Żgħażagħ u Tfal, l-Anzjani u l-Edukazzjoni

**Il-Kunsillier Stephen Gatt**
L-Indafa, l-Ambjent, Komunitajiet, il-Qasam Soċjali u l-Integrazzjoni Soċjali

**Il-Kunsillier Andrè Grech**
L-iSports u Attivitajiet Fiżiċi

**Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano**
L-Innovazzjoni, Il-Ħarsien tal-Annimali u Fondi tal-Unjoni Ewropea

## 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

Dawn huma l-bilanċi bankarji tal-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2023:

| | |
|---|---|
| BOV Current Account | €499,461.43 |
| BOV Savings Account (LC Other Entities) | €846.97 |
| BOV Savings Account (Central Region Council LES Surplus) | €34,314.39 |
| BOV Savings Account ( Local Enforcement System) | €20,460.14 |
| **Total** | **€555,082.93** |

Mit-total irid jitnaqqas l-ammont ta' €339.72 f'ċekkijiet li sal-31 ta' Diċembru 2023 kienu għadhom mhux imsarrfa.

## 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart imħallat, organiku, riċiklabbli u ħġieġ**
Minn din is-sena, dan is-servizz għaddha taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjun Tramuntana.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Dan is-servizz jingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntattja l-Kunsill biex jagħmel appuntament. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas.

***Roadshow Campaign***
Matul din is-sena, WasteServ kompliet b'din il-kampanja fejn darba fix-xahar, promoturi tal-immaniġġjar tal-iskart jakkumpanjaw trakk speċjalizzat f'kull lokalità. L-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li jinħoloq għarfien dwar l-immaniġġjar tal-iskart biex jiżdied is-separazzjoni tal-iskart. It-trakk jaċċetta diversi affarijiet, fosthom li ma jmorrux fil-borża tal-iskart riċiklabbli bħal jablo, żejt tat-tisjir, bozoz u tessuti fost oħrajn.

Fil-każ ta' Ħal Balzan, it-trakk ikun fil-pjazza, fit-tielet Ħamis tax-xahar filgħodu.

**Tindif tat-Toroq**
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalità tinżamm fi stat nadif. Kull triq fil-lokal tinkines darbtejn fil-ġimgħa. Ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun ta' spiss.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**
Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul din is-sena sar xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każijiet li numru ta' toroq minnhom sar *patching* fihom għal aktar minn darba. Sar ukoll manutenzjoni tal-bankini fejn kien meħtieġ.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**

Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-*Handyman* li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq.

***Tenders***
Matul is-sena ġew mgħotija erba'(4) *Tenders:*
- *Purchase of a new Electric Passenger Van*
- *Professional Services of an Architect to the Ħal Balzan Local Council*
- *Services of an Accountant and Accounting Technician*
- *Services of a Contracts Manager for the Ħal Balzan Local Council*

**Ħarġiet organizzati mis-Sotto-Kumitat għall-Anzjani, iż-Żgħażagħ u Tfal**
Matul din is-sena, ġew organizzati 14 -il ħarġa, b'waħda minnhom fi Sqallija. Dawn il-ħarġiet huma ssussidjati mill-Kunsill.

**Vaċċin tal-Influwenza**
Wara assenza ta' tliet snin minħabba l-COVID-19, din is-sena l-Kunsill reġa' ipprovda s-servizz li jamministra l-vaċċin tal-influwenza. Ir-residenti ta' Ħal Balzan li għandhom iktar minn 18 -il sena ngħataw il-possibbilta' li jirċievu l-vaċċin kontra l-influwenza mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-vaċċin ingħata lil 88 persuna, nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru 2023. Dan is-servizz, bħal kull sena, kien mingħajr ħlas.

***Pink October / Movember***
Din is-sena, il-Kunsill reġa' wera s-sapport tiegħu għall-inizjattiva *Pink October u Movember* billi xegħel il-faċċata tal-uffiċċju u l-*playing field* b'dawl roża / blu, tul ix-xahar t'Ottubru u November 2023.

***Bike Racks***
Il-Kunsill ibbenifika minn *Government Grant* biex ġew installati *bike racks* ġodda fil-qalba tar-raħal, propju fi Triq Ġuże' Bonnici. Dan biex il-Kunsill ikompli jħeġġeġ l-użu ta' trasport aktar nadif.

***Embellishment* tas-*Central Strip* fi Triq il-Kannizzata**
Matul din is-sena, sar xogħol ta' *embellishment* tas-*Central Strip* fi Triq il-Kannizzata. Ittellgħa ċint madwar is-*central strip,* saret bażi bil-ħamrija u tħawwlu xi pjanti. Apparti li ssebbaħ l-ambjent, tnaqqas l-abbuż ta' skart mormi llegalment fiż-żona.

**Serata Soċjo-Kulturali – Jum San Valentinu**
Din is-sena ġiet organizzata serata soċjo-kulturali fl-okkażjoni tal-festa ta' San Valentinu. L-attività saret il-Ħadd, 12 ta' Frar 2023, fis-Sala Aurora. Din l-attività ġiet iffinanzjata mir-Reġjun Tramuntana.

**Jum Ħal Balzan**
Jum Ħal Balzan, din is-sena, ġie ċċelebrat is-Sibt, 28 ta' Ottubru 2023. Fl-istess ġurnata kien hemm l-għotja tal-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan.

Iċ-ċelebrazzjonijiet kienu jikkonsistu f'kunċert minn Red Electric, organizzat bl-għajnuna tar-Reġjun Tramuntana, fi Triq l-Annunzjata u l-preżentazzjoni tal-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan.

Il-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan din is-sena ingħata lill-
- Franklin Leeks fil-katergorija Lokali;
- Dott. Lydia Buttigieg fil-kategorija Nazzjonali; u

- Renato Micallef fil-kategorija Internazzjonali.

Din is-sena ġie mgħoti wkoll Rikonoxximent lill-Vincent Muscat.

**Attivitajiet għal żmien il-Milied**
Bħas-snin ta' qabel, din is-sena il-Kunsill reġa' ħaseb biex fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, jiżżejnu u jinxtegħlu numru ta' toroq b'dawl dekorattiv. L-ispiża ġiet iffinanzjata parti mir-Reġjun Tramuntana u parti mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, permezz ta' Skemi biex jiġu rifonduti spejjeż relatati ma' attivitajiet / armar ta' żmien il-Milied.

Fl-10 ta' Diċembru 2023, ġiet organizzata attività fil-*playing field* b'għajnuna finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana.

Din is-sena, il-Kunsill qassam 165 poinsettia b'xejn bħala ġest żgħir għal Milied. Residenti setgħu jiġbru waħda (*per household*) mill-uffiċċju tal-Kunsill billi jippreżentaw il-karta tal-identità u kienu disponibbli fuq bażi ta' *first come first served*.

**Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana**
Matul din is-sena, il-Kunsill ibbenefika minn numru ta' Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana. Dawn jinkludu :

- <u>Assistenza biex titqassam l-iskeda tal-ġbir tal-iskart</u>
  Il-Kunsill ibbenifika mis-somma ta' €495.75 biex ġiet ipprintjata u mqassma l-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart, f'kull residenza fil-lokalità.

- <u>*Libraries Scheme*</u>
  Il-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €2,500, fejn il-Kunsill xtara 6 *e-readers*, numbru ta' *e-books* u kotba għat-tfal.

- <u>Assistenza Finanzjara – Jum San Valentinu 2023</u>
  Il-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €2,241.73 sabiex ġiet organizzata serata soċjo-kulturali fl-okkażjoni tal-festa ta' San Valentinu.

- <u>Assistenza għall-*NGOs*</u>
  Il-Kunsill applika għal din l-iskema. Permezz ta' din l-iskema bbenefikaw il-Każin tal-Banda San Gabriel (fejn ingħataw is-somma ta' €1,500 biex isir *refurbushing* tal-kamra tal-mużika) u l-Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata (fejn ingħataw is-somma ta' €1,500 biex jinxtara A/C u mejda għas-Sala Prinċipali).

- <u>*Cultural Fund Scheme*</u>
  Il-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €5,000 sabiex tiġu ffinanzjati parti mill-ispejjeż relatati mal-attivitajiet ta' Jum Ħal Balzan.

- <u>*Marketing Assistance for Local Council Events*</u>
  Il-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €843.55, biex ġew irreklamati numru ta' attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

- <u>*Christmas Assistance Scheme*</u>
  Il-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €9,095.48 sabiex jiġu ffinanzjati parti mill-ispejjeż relatati mal-attivitajiet ta' żmien il-Milied.

**Skemi maħruġa minn entitajiet diversi**
Matul din is-sena, il-Kunsill applika għal numru ta' Skemi maħruġa minn entitajiet diversi. Dawn jinkludu:

- SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024
  Il-Kunsill applika u ser ikun qed jibbenefika mis-somma ta' €7,693.88 biex tiġi organizzata l-attività Jum San Valentinu 2024.

- SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja - Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati
  Il-Kunsill applika u ser ikun qed jibbenefika mis-somma ta' €6,203.31 biex jiġu installati numru ta' *CCTV cameras* f'żoni problematiċi fil-lokalitá.

- Tiżjin tal-Milied fil-Lokalità 2023/2024 - MTA
  Il-Kunsill applika u ser jibbenefika mis-somma ta' €3,000 sabiex tiġi ffinanzjata parti mill-ispejjeż relatati mat-tiżjin ta' diversi toroq bi dwal tal-Milied. L-ispiża totali ta' dan il-proġett tammonta €5,040.00.

## 3.3 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

- Is-Sindku, l-Viċi Sindku u tliet Kunsilliera.

- L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani.

Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsilliera bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalità, u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali m'hu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalità.

## 3.4 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

### L-Uffiċċju Amministrattiv
L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, ir-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali , permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri li jinħarġu minn żmien għal żmien, li jara lid-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati.

**Impjegati tal-Kunsill**
L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa impossibbli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Balzan, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbiltà kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali Ħal Balzan qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

## 3.5 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan għas-sena 2023. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku, Dr Angelo Micallef, tas-sapport u l-impenn sħiħ tiegħu u lill-Kunsilliera tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut lejn ir-residenti u l-lokalità. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**IFFIRMAT**

___________________________
Doriette Farrugia
**Segretarju Eżekuttiv**

## 4.1 L-ISKEDA TAD-DĦUL U L-INFIQ

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| **Id-Dħul** | **€** | **€** |
| Mill-Gvern | **405,551** | 422,444 |
| Minn Kontravenzjonijiet | **2,887** | 1,777 |
| Ġenerali | **30,556** | 24,620 |
| Dħul Finanzjarju | **12** | 12 |
| **Total** | **439,006** | 448,853 |
| **L-Infiq** | | |
| Salarji | **(121,595)** | (105,045) |
| *Operations and Maintenance* | **(152,795)** | (224,115) |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | **(141,689)** | (140,184) |
| **Total** | **(416,079)** | (469,334) |
| **Bilanċ / (Defiċit)** | **22,927** | (20,491) |

## 4.2 L-ISKEDA TAD-DĦUL FID-DETTALL

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Dħul mill-Gvern** | | |
| Allokazzjoni Annwali | **326,838** | 343,288 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | **74,966** | 76,156 |
| Dħul ieħor Supplimentari | **3,747** | 3,000 |
| | **405,551** | 422,444 |
| **Dħul minn Kontravenzjonijiet** | | |
| Dħul minn *LES administration fees* | **1,622** | 1,375 |
| Dħul minn kontravenzjonijiet | **1,265** | 402 |
| | **12,887** | 1,777 |
| **Dħul Ġenerali** | | |
| Permessi | **30,551** | 24,581 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | **5** | 39 |
| | **30,556** | 24,620 |
| **Dħul Finanazjarju** | **12** | 12 |
| **Dħul Totali** | **439,006** | 448,853 |

## 4.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| **Salarji** | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Onorarja tas-Sindku | **11,079** | 10,742 |
| Salarju tas-Segretarju Eżekuttiv | **39,311** | 37,083 |
| Salarji tal-Impjegati | **51,053** | 39,242 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | **7,152** | 4,978 |
| *Allowances* tal-Kunsilliera | **13,000** | 13,000 |
| | **121,595** | 105,045 |

***Operations and Maintenance***

| **Tiswijiet u Manutenzjoni:** | | |
|---|---|---|
| Sinjali u Tabelli tat-Traffiku | **2,054** | 1,682 |
| *Public Property* | **25,585** | 24,405 |
| Marki tat-Traffiku | **1,726** | 1,630 |
| Tiswijiet u Manutenzjoni Oħra | **1,716** | 2,279 |
| | **31,081** | 29,996 |

| | | |
|---|---|---|
| **Spejjeż ta' Kuntratti:** | | |
| Ġbir ta' Skart | **51,255** | 133,534 |
| Ġbir ta' Skart Goff | **10,545** | 8,405 |
| Knis u Tindif ta' Toroq | **37,482** | 37,868 |
| Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika | **-** | 1,444 |
| Tindif u Manutenzjoni tal-*Parks & Gardens* | **5,170** | 6,932 |
| Tiswijiet u Manutenzjoni tad-dawl tat-toroq | **12,604** | 2,831 |
| Oħrajn | **4,658** | 3,105 |
| | **121,714** | 194,119 |
| | | |
| | **152,795** | 224,115 |
| | | |
| **Amministrazzjoni u Spejjeż Oħra** | | |
| Dawl, ilma, telefon, internet, etc | **4,511** | 4,758 |
| Xiri ta' materjal (*Materials & Supplies*) | **3,553** | 1,431 |
| Kera | **2,150** | 2,000 |
| *Lease Interest* | **2,861** | 3,451 |
| *Memberships* | **1,165** | 1,032 |
| Spejjeż tal-uffiċċju | **6,059** | 3,189 |
| Trasport | **1,542** | 537 |
| Informazzjoni lill-Pubbliku | **782** | 3,539 |
| Servizzi Professjonali | **41,627** | 44,618 |
| Servizzi lill-Komunità u Attivitajiet | **26,039** | 21,037 |
| *Local Enforcement Expenses* | **1,716** | 163 |
| Spejjeż oħra varji | **1,525** | 1,000 |
| *Assets written-off* | **-** | - |
| *Depreciation* | **48,159** | 53,429 |
| | **141,689** | 140,184 |
| | | |
| **Infiq Totali** | **416,079** | 469,344 |

# Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera minn Jannar sa Diċembru 2023

## Is-Sindku Dott Angelo Micallef

Responsabbli mill-Infrastruttura, Proġetti u l-Kultura

**Introduzzjoni**

Is-sena 2023 kienet sena oħra mimlija ħidma differenti għall-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan. Hija wkoll l-aħħar sena sħiħa għal din il-leġiżlatura. Irrid nieħu din l-opportunita' sabiex nrodd ħajr lil sħabi l-Kunsilliera, lil Viċi Sindku Mary Louise Briffa li hija mutur ta' enerġija u lil Kunsilliera Oliver De Gaetano, Stephen Gatt u Andre' Grech li kollha joffru impenn dedikat għal ħidma tal-Kunsill. Grazzi wkoll lill-istaff kollu u lis-Segretarju Eżekuttiv Doriette Farrugia.

**Tisħiħ Amministrattiv**

Matul is-sena 2023 żidna impjegat full time fost l-istaff klerikali tagħna sabiex b'hekk issa għandna tlett impjegati full time u s-Segretarju Eżekuttiv fl-uffiċċju. Din iż-żieda tippermetilna li nsaħħu l-aspett tal-customer care u b'hekk noffru servizz aħjar lir-resident. Naturalment bħal dejjem jibqa' lok għal titjib imma ċertament li ż-żieda fl-istaff waslet sabiex kull membru ta' l-istaff jista' jiffoka aktar u joffru servizz ta' kwalita' għola. Fuq kollox hija żieda li tirrifletti wkoll iż-żieda fil-popolazzjoni ta' dan ir-raħal.

**Attivitajiet Kulturali**

Is-sena 2023 rat il-Kunsill itella xejn inqas minn tlett attivitajiet soċjo-kulturali. Għall-ewwel darba wara ħafna snin f'Ħal Balzan kellna ċelebrazzjoni b'attivita' kulturali tal-festa ta' San Valentin. Din saret fit-12 ta' Frar fis-Sala Aurora bl-għajnuna tar-Reġjun Tramuntana u bil-parteċipazzjoni tal-Balzan Drama Group.

Fit-28 t'Ottubru saret l-attivita' ta' Jum Ħal Balzan. Din id-darba l-attivita' ħadet il-bixra ta' kunċert mill-grupp popolari Red Elektrik. Kienet serata' soċjevoli ħafna li fiha r-residenti setgħu jgawdu atmosfera rilassata ħafna. Matul is-serata' ngħataw ukoll il-premji ta' Ġieħ Ħal Balzan. Din l-attivita' ma' kienetx tkun possibli mingħajr l-appoġġ tar-Reġjun Tramuntana u l-ħidma tal-Viċi Sindku.

Attivita' oħra li saret kien fl-10 ta' Diċembru fi Ġnien Stellini bl-isem ta' Il-Milied f'Ħal Balzan. Attivita' li wkoll kellha l-appoġġ tar-Reġjun Tramuntana u li fiha t-tfal setgħu jilgħabu fil-bouncing castle u jieħdu ritratti ma' Santa Clause filwaqt li dawk in attendenza setgħu jgawdu l-ikel u xorb li kien hemm għal bejgħ mill-għaqdiet tal-lokal u l-mużika sabiħa tal-grupp folkloristiku Ta' Verna Folk Band u l-gospel choir EnKor.

Fl-aħħar tas-sena l-Kunsill Lokali ħadem flimkien mas-Soċjeta' Filarmonika Marija Annunzjata u l-Każin tal-Banda San Gabriel sabiex kien hemm l-isparar ta' stoppini sabiex jiġi ċċelebrat l-ewwel sekondi tas-sena 2024. Hawn ukoll nroddu ħajr lir-Reġjun Tramuntana ta' l-appoġġ.

**Publikazzjoni Kulturali**

Il-Kunsill Lokali appoġġa l-ħidma ta' Virginia Monteforte u grupp ta' residenti li ħadmu fuq pubblikazzjoni bl-isem 'A Journey in Balzan'. Din il-pubblikazzjoni kompliet tixħet aktar dawl fuq il-wirt storiku enormi tar-raħal tagħna u tippreserva l-memorji ta' l-mgħoddi ta' dawk ir-residenti li jiftakru lil Ħal Balzan ferm differenti. Grazzi partikolari hawn tmur lill-Kunsillier Stephen Gatt li ddedika ruħu b'impenn enormi għal dan il-proġett.

**Armar tal-Milied**

Il-Kunsill Lokali reġa għal sena oħra ra li fil-jiem tal-Milied Ħal Balzan jilbes libsa dekokrativa sabiex nidħlu fl-ispirtu tal-festi. Għalhekk bosta toroq madwar ir-raħal ġew mżejna. Din is-sena żdied ukoll xi armar ġdid fil-pjazza nnifisha. Grazzi wkoll hawnhekk tmur lil Balzan Youth Centre ta' l-għajnuna tagħhom sabiex żdied dan l-armar. Il-Kunsill reġa wkoll mill-ġdid appoġġja l-inizjattiva li ssir mir-residenti tat-toroq ta' madwar Wesgħa Gigi Gauci li reġaw mill-ġdid żejna b'mod mill-isbaħ dik il-wesgħa u t-toroq li jmissu magħha.

**Għajnuna lil dawk fil-bżonn**
Fi Frar tal-2023 it-Turkija ġiet milquta min terrimot terribli li ħalla ħafna vittmi. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan laqgħa l-appell ta' l-ambaxxata Torka f'Malta u għamel ġabra ta' ħwejjeġ u kutri b'risq dawk milquta min dan it-terrimot. Dawn ingħataw lill-ambaxxata Torka sabiex jintbgħatu t-Turkija. Tassew grazzi lir-residenti kollha talli laqgħu dan l-appell.

**Pulizija tal-Kommunita'**
Matul is-sena 2023 kompliet il-kooperazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-Pulizija tal-Kommunita'. Kull xahar issir laqgħa bejni bħala Sindku u t-team manager tal-Pulizija tal-Kommunita'. Hija t-tama tal-Kunsill li din il-ħidma tkompli tisaħħaħ u li tkompli tiżdied il-presenza tal-pulizija fit-toroq tagħna. Frott din il-kooperazzjoni fid-19 ta' Marzu saret ukoll esebizzjoni pubblika tal-ħidma tal-Pulizija tal-Kommunita' biswit il-knisja parrokjali.

**Restawr ta' Santa Marija**
L-istatwa ta' Santa Marija fi Triq il-Kbira hija ġojjel li biha huwa mgħoni dan ir-raħal għażiż tagħna. Matul din is-sena tlesta fuqha xogħol ta' restawr li sar mill-gvern ċentrali wara applikazzjoni mill-Kunsill Lokali. B'hekk l-istatwa ta' Santa Marija ġiet ippreservata għal ġenerazzjonijiet futuri.

***Bicycle Racks***
Il-bżonn ta' aktar infrastruttura b'risq dawk li jagħmlu użu mir-rota ilha żmien tinħass. Hemm bżonn li pajjiżna jrawwem kultura akbar ta' użu tar-rota. Huwa f'dan l-ispirtu li fi Triq Ġużè' Bonnici, biswit Ġnien Stellini, il-Kunsill installa bicycle parking racks sabiex dawk li jżuru l-pjazza bir-rota jkollhom fejn iħallu r-rota tagħhom b'mod sigur.

**Laqgħa mas-Sindku ta' Pedara**
F'Jum il-festa kien ta' unur u privileġġ li lqajna fostna lis-Sindku ta' Pedara Alfio Cristaudo. Matul din iż-żjara is-Sur Cristaudo setgħa jgawdi l-isbuħija tal-festa tagħna filwaqt żar il-Każini tar-raħal jiġifieri dak tas-Soċjeta' Filarmonika Marija Annunzjata, tal-Każin tal-Banda San Gabriel, ta' Balzan FC, tal-Partit Nazzjonalista u tal-Partit Laburista.

**Ħarġiet ta' kull xahar**
Matul is-sena komplew il-ħarġiet ta' kull xahar li torganizza l-Viċi Sindku bl-appoġġ tal-Kunsill. Matul din is-sena dawn il-ħarġiet kienu varji, min żjarat f'postijiet f'Malta għal mawra oħra fi Sqallija kif kien ġara fis-sena 2022.

**Ħidma fir-Reġjun**
Ħal Balzan jifforma parti mir-Reġjun Tramuntana li huwa kompost min numru ta' kunsilli lokali. Il-ħidma fir-Reġjun tiftaħ beraħ bosta opportunitajiet fosthom kisba ta' fondi għal numru ta' attivitajiet li saru. Fuq kollox hija ħidma kruċjali sabiex ikun hemm koordinament f'ħidma reġjonali bħalma huwa il-ġbir ta' l-iskart. Ir-Reġjun jiltaqa' kull xahar u għal dawn il-laqgħat Ħal Balzan ikun rappreżentat jew minni bħala Sindku nkella min Stephen Gatt bħala sostitut. Nieħu din l-opportunita' sabiex nrodd ħajr lil Clifford Galea Vella tal-ħidma tiegħu bħala President tar-Reġjun.

**Pjannar għal ħidma fl-2024**
**Toroq minn Infrastructure Malta**
Il-Kunsill matul l-2023 fetaħ il-komunikazzjoni attiva' ma' Infrastructure Malta sabiex jikkomunika fir-rigward tat-toroq li għandhom isiru min Infrastructure Malta matul is-sena 2024 f'Ħal Balzan. Il-Kunsill dejjem għamilha ċara li huwa dispost għal kull kooperazzjoni meħtieġa min Infrastructure Malta f'dan is-sens.

**Bankina fi Triq iz-Zekkuk**
Il-Kunsill jinstab bil-lest sabiex malli l-formalitajiet kollha jkunu lesti tibda l-ħidma fuq bankina ġdida fi Triq iz-Zekkuk. Huwa tamat li din titlesta sa l-ewwel nofs tas-sena 2024.

**San Valentin**
Il-Kunsill kiseb fondi mill-gvern ċentrali sabiex fi Frar 2024 issir mill-ġdid l-attivita' li tiċċelebra l-festa ta' San Valentin f'Ħal Balzan.

***Tablets* għall-librerija**
Il-librerija fil-Kunsill Lokali kienet bla dubju suċċess u baqgħat dejjem tikber. Riċenti l-Kunsill Lokali rċieva donazzjoni ta' madwar 380 ktieb mill-kollezzjoni privata tal-mibkija Monica Borg Olivier De Pugeut. Madankollu l-Kunsill għandu tħejjijiet avvanzati sabiex jibda sistema ta' tablets li jisselfu lir-residenti li jkun fihom firxa wiesgħa ta' ebooks. Huwa tamat li din tiġi varata fl-ewwel tlett xhur tas-sena 2024. Hawnhekk l-appoġġ tar-Reġjun Tramuntana kien essenzjali.

**Trasport nadif għar-residenti**
ll-Kunsill għaddej b'ħidma sabiex wara li kiseb fondi mill-gvern ċentrali jniedi servizz ta' trasport għar-residenti għal postijiet bżonnjużi bħal per eżempju ċ-ċentru tas-saħħa f'Birkirkara, l-isptar Mater Dei u l-banek li mhumiex f'Ħal Balzan. Dan it-trasport ikun permezz ta' vettura elettrika sabiex b'hekk jintużaw mezzi nodfa ta' trasport. Il-Kunsill għandu l-mira li dan is-servizz ikun varat matul l-2024.

## Il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa

Responsabbli mit-Tfal, Żgħażagħ, Anzjani u l-Edukazzjoni

Nittama li kulħadd jinsab tajjeb. Dan qed nagħmlu b'impenn u mħabba lejn ir-raħal u r-residenti tagħna sabiex nagħtu l-aħjar servizz u b'hekk nkunu nistgħu intejjbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies.

Dan li ġej, hu dak li diġà ġie mibdi u li hu ppjanat isir fil-futur qarib.

**Tfal**

Fis-sajf organizzajna ġranet fejn il-baħar, fejn it-tfal kienu jiġu mal-membri tal-familja tagħhom. Għall-ewwel darba il-bandli ġie dekorat b'tiżjin tal-Milied u ġiet organizzata attività għat-tfal fejn ġibna *bouncing castle* kif ukoll lil *Father* u *Mother Christmas* biex it-tfal ikunu jistgħu jieħdu ritratti magħhom. Naturalment ma naqasx il-bejgħ ta' affarijiet u ikel tipiċi tal-Milied. Qassamna wkoll xi ħelu lil kull min attenda.

**Żgħażagħ**

Din is-sena iċċelebrajna għall-ewwel darba il-festa ta' San Valentinu. Permezz ta' fondi li ġew mir-Reġjun Tramuntana iż-żgħażagħ setaw itellaw mima, fejn fehmu lil udjenza dak li is-Sur Charles Bezzina kien qiegħed jispjega dwar l-istorja ta' San Valentinu u ir-rabta tiegħu ma' Ħal Balzan.

Iż-żgħażagħ ipparteċipaw ukoll f'Jum Ħal Balzan u anke fl-attività tal-Milied fejn fiż-żewġ okkażżjonijiet kellhom l-opportunita' jbiegħu xi ikel lil min attenda.

**Anzjani**

Wieħed mis-servizzi li tkompla fis-sena 2023 kien dak tax-*shuttle service* mill-pjazza tar-raħal li jwassal lill-anzjani sal-berġa tas-saħħa ta' Birkirkara, l-isptar Mater Dei u il-banek. Biex inkomplu intejbu dan is-servizz ser tinxtara karozza elettrika. Servizz ieħor li l-anzjani tar-raħal tagħna jistgħu jagħmlu użu minnu hu dak fejn anzjani li ma jistgħux joħorġu minn darhom ikollhom infermieri li jmorru fid-djar tagħhom biex jittieħdu t-testijiet tad-demm. Ser nibdew ukoll lezzjonijiet rigward is-saħħa ġewwa l-kunsill bħal per eżempju kif wieħed jista' jevita mard tal-qalb, dijabete, fost oħrajn.

Bi pjaċir ngħid li l-ħarġiet ta' kull xahar kull ma jmur qegħdin dejjem isiru iżjed popolari hekk kif l-attendenza tiżdied xahar wara xahar, u dan huwa dovut għal-għażla tal-postijiet u l-prezzijiet raġonevoli. Fis-sena 2023, minbarra l-ħarġiet mensili, kelna ukoll *weekend break* u ħarġa kulturali fil-gżira t'Għawdex. Fis-sajf darba kull ħmistax konna mmorru ġurnata baħar, għamilna BBQ ġewwa Għawdex u anki għall-ewwel darba morna tlett ijiem ġewwa Sqallija fejn kienet ħarġa kulturali u morna ukoll għall-festa tal-qastan.

**Edukazzjoni**

Il-ftuħ tal-librerija fil-kunsill ġiet milquwha ħafna mir-residenti u qiegħda tintuża ferm, għalhekk il-kunsill ħaseb biex jinvesti f'tablets li ser ikunu b'lingwi differenti, pero' is-sena id-dieħla ser jiġu mnedija bl-Ingliż kemm għat-tfal u anke għal-kbar. Grazzi tmur lir-Reġjun Tramuntana għall-fondi li tawna.

Finalment, din is-sena tellajna tlett attivitajiet. L-ewwel waħda kienet dik ta' San Valentinu, fejn għamilna attività fil-ġurnata meta dan il-qaddis kienet tiġi iċċelebrata l-festa tiegħu ġewwa Ħal Balzan. F'din l-attività ħadu sehem diversi entitajiet u persuni Balzanin, fosthom l-istoriku Mr Charles Bezzina, id-*Drama Group,* iż-Żgħażagħ u s-soprana Michela Agius li kienet akkompanjata bil-vjolin u l-pjanu.

Attività oħra kienet għal Jum Ħal Balzan fejn tellajna kunċert bil-parteċipazzjoni ta' *Red Electric.* L-aħħar attività li għalaqna biha u li saret għall-ewwel darba ukoll fejn ir-residenti attendew bi ħġarhom kienet l-attività tal-Milied li saret fil-bandli quddiem il-kunsill. F'din l-attività ħadu sehem il-kor t'Għawdex, diversi

kantanti, iż-żewħ soċjetajiet tal-banda u l-għaqda taż-żgħażagħ. F'din l-attività kien hemm ukoll ikel u xorb, *bouncing castle* u *Father* u *Mother Christmas.*

**Konklużjoni**
Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lill-President u lir-Reġjun Tramuntana għall-fondi u s-sapport li huma jtuna. Nirringrazzja lis-Sindku Dr Angelo Micallef tal-appoġġ u l-fiduċja li juri fiha, lill-sħabi l-kunsilliera, l-impjegati kollha tal-kunsill u lis-sotto kumitat tiegħi tal-għajnuna kontinwa tagħhom, Mary Rose Cutajar u Catherine Zerafa.

**Il-Kunsillier Stephen Gatt**
Responsabbli mill-Indafa, l-Ambjent, Komunitajiet, il-Qasam Soċjali u l-Integrazzjoni Soċjali

Issa li għal din is-sena 2023 il-Covid-19 m'għadiex magħna stajna nagħmlu ċerti attiviajiet u laqgħat mar-residenti. Organizzajna Kunċert kompost mill-mużiċisti mill-żewġ baned ta' Ħal Balzan.

Il-ħidma tiegħi ta' kuljum hi li nattendi l-uffiċċju tal-Kunsill fejn nirraporta l-ilmenti jew suġġerimenti li inkun iltqajt waqt il-walkaround mar-raħal ta' kuljum. Dawn il-walkarounds iservu biex inkun nista' niltaqa' mar-residenti fuq il-post fejn joqogħdu. Dan għalija hu l-uffiċċju tiegħi fit-triq u jservi wkoll l-Università tat-triq fejn ir-resident jesprimi l-opinjoni personali tiegħu.

Matul din is-sena attendejt diversi seminars nirrappreżenta l-Kunsill Lokali.

Fil-bidu tas-sena 2023 introduċejna ktieb bit-titolu "A Journey in Balzan, Walking through Paths of Memory", fejn diversi Balzanin esprimew magħna esperjenza fl-imgħoddi ġo Ħal Balzan.

Nagħlaq biex nirringrazzja lis-Sindku, Kunsilliera, is-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu tal-uffiċċju għall-kooperazzjoni kontinwa.

## Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano

Responsabbli mill-Innovazzjoni, il-Ħarsien tal-Annimali u Fondi tal-Unjoni Ewropea

### Daħla

Il-kariga tiegħi bħala Kunsillier u 'Minority Leader' ġewwa l-lokalità ta' Ħal Balzan, tagħatni l-oppotunità li nħoss il-polz tan-nies u fl-aħħar mill-aħħar, naġixxi fuq dak li jixtiequ jaraw li jsir aħjar. Minkejja l-fatt li tul dawn l-aħħar snin, saru investimenti infrastrutturali kbar ġewwa l-lokal ta' Ħal Balzan, fejn għadd ta' toroq saru mill-ġdid, kien hemm perijodu fejn tali investimenti waqfu, bil-konsegwenza li dawk it-toroq li kien jistħoqqilhom l-attenzjoni, komplew sejrin mill-ħażin għall-agħar. Kien proprju għalhekk li ktibt fil-gazzetta u anke ġbidt l-attenzjoni tal-Ministru inkarigat mill-Proġetti Infrastrutturali, fejn għad għandi l-korrispondenzi li permezz tagħhom elenkajt għadd ta' toroq, fosthom Triq San Franġisk, Triq Ġulju Cauchi, Triq Sisner u Triq Idmejda fost oħrajn, sabiex dawn isiru mill-ġdid. Għalkemm kien hemm min għajjarni traditur għax ktibt dwar dan il-fatt fuq il-gazzetta tal-partit politiku li nikkontesta fuq il-biljett tiegħu stess, jien qatt ma ddejjaqt infakkar lil dak li jkun li fl-aħħar mill-aħħar, jien qiegħed hemm fl-aħjar interess tal-villaġġ li tant ngħożż - Ħal Balzan.

### Il-Ħarsien tal-Annimali

Fir-rigward tad-Dekasteru tal-Ħarsien tal-Annimali, filwaqt li ninsab grat ħafna għall-iskema tan-*neutering* tal-*istray cats* kif ukoll dik tal-użu tas-servizzi tal-veterinarju, peress li dawn jiffrankaw ħafna flus lill-cat feeders, xorta jibqa' l-fatt li l-provvediment tal-ikel għal dawn il-qtates hemm bżonnha bħall-ħobż. Ngħidu kif inhi, qattus issewwih darba u s-servizzi tal-veterinarju forsi tiġi bżonnhom darba kultant, madankollu, dawn il-qtates iridu jieklu tal-inqas darbtejn kuljum biex jgħixu. Tant hu hekk li meta lejn il-bidu ta' din il-leġislatura tali skema kienet disponibbli, kont ksibt madwar ħamest elef ewro (€5000) f'fondi għall-*cat feeders* ta' Ħal Balzan, li meta nikkunsidraw id-daqs żgħir tar-raħal, mhijiex ċifra taċ-ċajt. Nixtieq ngħid li ninsab grat immens għall-fatt li wara li ġbidt l-attenzjoni tar-Reġjun Tramuntana dwar din il-ħtieġa, il-karba tiegħi instemgħet u din l-iskema għandha terġa' tiġi introdotta b'mod imminenti. Fuq kollox, għandna nagħmlu minn dak kollu umanament possibbli biex ninkoraġġixxu lil dawk il-qlub tajba li ta' kuljum, fis-skiet jaqbżu għad-drittijiet ta' dawk il-ħlejqiet li m'għandhomx vuċi, sabiex ikomplu jagħmlu dan.

### L-Innovazzjoni

Dejjem nipprova nuża approċċ kemm jista' jkun ħolistiku fil-ħidma tiegħi billi naċċerta li l-ħidma tmur lil hinn mil-laqgħat tal-Kunsill. Fuq kollox, dak hu l-viżwal li dejjem abbraċċjajt fil-konfront tad-dekasteru tal-innovazzjoni - li nagħraf insib metodi ġodda li bihom nindirizza l-ħtiġijiet u l-preokkupazzjonijiet tar-residenti Balzanin. Mhux l-ewwel darba li wassalt ix-xirjiet lil xi anzjani jew persuni li l-kundizzjoni fiżika tagħhom ma tippermettilhomx li jixirfu mill-bieb 'il barra. Meta kien hemm bżonn anke wassalt lil dawn in-nies għal xi appuntamenti li kellhom fl-Isptar Mater Dei jew f'xi klinika privata. Barra minn hekk, kemm-il darba ġbidt l-attenzjoni, kemm permezz ta' posts fuq il-midja soċjali kif ukoll permezz ta' imejls, sabiex l-awtoritajiet regolatorji jagħrfu jedukaw lill-poplu dwar l-importanza li bl-istess mod li s-sewwieqa josservaw il-liġijiet tat-traffiku, dawk li jkunu mixjin fit-triq josservaw l-obbligi pedonali. Ħal Balzan hu raħal mill-isbaħ u ħafna nies, inkluż minn barra r-raħal, jagħżlu li jiġu għal mixjiet fit-toroq tagħna. Biss, sfortunatament kemm-il darba nara nies jaqsmu bl-addoċċ, mingħajr *hi-viz vest* u bil-*headphones* ġo widnejhom. Biex tgħaxxaq, hemm ċerti sewwieqa li t-toroq ta' Ħal Balzan mid-dehra jitfixkluhom mat-trakka tal-kwart ta' mil, partikolarment ġewwa Wied Ħal Balzan kif ukoll ġewwa Triq il-Ferrovija l-Qadima, speċjalment minn meta din tal-aħħar saret *one way.* Għalkemm fiha nnifsu, il-fatt li saret *one way* hu tabilħaqq plawsibbli, fid-dawl tal-fatt li l-fluss tat-traffiku tjieb immensament, hemm bżonn ta' infurzar b'saħħtu permezz tal-użu tal-*ispeed guns*. Ilna żmien u għomor li ġejna mwegħdin l-ispeed guns, però s'issa din il-wegħda baqgħet m'avverat ruħha qatt, u xbajt nara karozzi jaħbtu ġewwa Triq il-Ferrovija l-Qadima.

### Il-Fondi Ewropej

Ninsab grat ħafna li proprju s-Sajf li għadda, l-istatwa ta' Santa Marija, tant għal qalbna l-Balzanin, ingħatat il-ħajja mill-ġdid. Fid-dawl tal-fatt li l-inċentivi b'saħħithom fir-rigward tal-qalba għal vetturi elettrifikati jew

*plug-in hybrid* jidhru li ħallew il-frott tagħhom, Ħal Balzan se jkun qed ikollu iżjed *charging points* fejn wieħed jista' jiċċarġja vetturi ta' din ix-xorta. Madankollu, irridu nkunu onesti li mil-lat estetiku, mhijiex xi ħaġa ideali li jkun hemm skoss charging points ġewwa l-qalba ta' Ħal Balzan, partikolarment fir-raħal l-antik. Fid-dawl ta' dan, bħala Kunsill Lokali konna ressaqna t-talba biex dik il-medda art mitluqa li hemm biswit Wesgħa Gużé Aquilina, tintuża bħala park ta' rikreazzjoni fejn wieħed jista' jmur iqatta' ftit ħin ta' kwalità mal-familja u l-parti l-oħra tintuża bħala parkeġġ għall-vetturi li jaħdmu bid-dawl, ħalli minflok ma nimlew il-qalba tar-raħal l-antik biċ-*charging points*, ix-xufiera jkunu jistgħu jmorru f'din il-wesgħa u jiċċarġaw il-vettura tagħhom bil-kwiet. Din tabilħaqq hija idea innovattiva. Biss, sfortunatament, meta ttresqet it-talba biex il-proġett propost ikun jista' jibbenefika mill-iskema tal-'Project Green', it-tweġiba kienet li ladarba hemm il-Ġonna ta' Sant'Anton fil-qrib, dan il-proġett mhuwiex possibbli. Fil-politika, ilkoll kemm aħna għasafar tal-passa - biss hu imperattiv li dak li jkun iħalli legat b'saħħtu lil ta' warajh sabiex dan tal-aħħar jibni fuqu. Kemm sħabi l-Kunsilliera u anke jien, sinċerament nixtiequ li dik l-għalqa abbandunata tiġi rriabilitata b'mod u manjiera li jkollha skop utli għall-poplu Balzani, ħalli dan tal-aħħar ikun jista' jgawdi minnha.

**It-triq 'il quddiem**

Jekk Alla jrid, qegħdin fl-aħħar sena ta' din il-leġislatura tal-Kunsilli Lokali, u ma nistax ma nesprimix il-gratitudni tiegħi lil dawk kollha li tawni l-fiduċja sabiex nirrappreżentahom madwar il-mejda tal-Kunsill Lokali kif ukoll lil dawk kollha li qegħdin iħeġġuni sabiex nerġa' nitfa' n-nomina tiegħi għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali ta' nhar it-8 ta' Ġunju li ġej. Nixtieq nieħu spunt sabiex inrodd ħajr ukoll lil sħabi l-Kunsilliera, lill-istaff tal-Kunsill (kemm dawk klerikali kif ukoll il-ħaddiema li jaħdmu fuq barra) tal-ħidma tagħhom u l-fatt li dejjem sibna spalla f'xulxin. Jien dejjem kont, għadni u nibqa' naħdem fl-aħjar interess ta' Ħal Balzan u kull meta mmorru madwar il-mejda tal-Kunsill, ninsew il-kulur politiku u naġixxu sabiex inħallu Ħal Balzan aħjar milli sibna.